

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1025/2008

tas-17 ta' Ottubru 2008

li jintroduċi denominazzjoni fir-Reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-orìġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Radicchio di Chioggia (IĠP)]

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u tad-denominazzjonijiet tal-orìġini tal-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel <sup>(1)</sup> [traduzzjoni mhux uffiċjali], u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Skond l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006 u b'applikazzjoni tal-Artikolu 17(2) tar-Regolament imsemmi, it-talba mressqa mill-Italja għar-reġistrazzjoni tad-denominazzjoni "Radicchio di Chioggia" kienet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea <sup>(2)</sup>.

- (2) Ġaladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skond l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, din id-denominazzjoni għandha tkun irreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament għandha tkun irreġistrata.

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 17 ta' Ottubru 2008.

Għall-Kummissjoni  
Mariann FISCHER BOEL  
Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

<sup>(2)</sup> ĠU C 41, 15.2.2008, p. 26.

## ANNEX

Prodotti agrikoli għall-konsum mill-bniedem elenkati fl-Anness I tat-Trattat

**Klassi 1.6. Frott, ħxejjex u ċereali fl-istat naturali jew ipproċessati**

L-ITALJA

Radicchio di Chioggia (IGP)